## RESURRECTIO NOCTURNA

*Meta fil-hemda ta' l-iljiel sajfija*
*Jinbtu fis-sema l-kwiekeb bil-mijiet,*
*U tħossok tagħmel seħ'm mill-armonija*
*Ta' dal-Ħolqien ta' dwal u dellijiet,*

*Iqumu minn ġo l-oqbra tal-minsija,*
*Jitlaħħmu w jieħdu l-ħajja, il-ġrajjiet*
*Taż-żmien li ma jarġax, u l-fantasija*
*Tbusħom il-bewsa ssaħħar tas-smewwiet.*

*U jieħdu sura ta' tfajliet żeffiena.*
*U jieħdu sura ta' għajnejn bid-dmugħ,*
*U jgħannu l-għanja ħelwa tal-benniena,*
*U l-għanja ta' l-imwiet li tifni r-ruħ.*

*Hekk jerġgħu jgħixu magħna il-ġrajjiet,*
*Taħt żewġ suriet — ta' dwal u dellijiet!*

23-X-51. P. MARIANUS VELLA O.F.M.

## VISIO NOCTURNA

*Kien nofs il-lejl. Smajt leħen ta' qanpiena*
*Jingħi fil-beraħ ikħal tas-smewwiet,*
*U ilħna mbiegħda jgħannu s-Salm tal-ħniena;*
*Stħajjiltni nisma' kor tal-patrijiet!*

*Fis-sema nġabru l-kwiekeb geġwiġija,*
*U bdew mixjin, bil-mod il-mod, tnejn tnejn,*
*Kienet ġilwa bla tarf ta' dawl u dija*
*Li bħalha naħseb, qatt ma raw l-għajnejn.*

*U l-"Miserere" beda joqrob lejja.*
*Bdejt ngħid il-kliem tas-salm, donni miblugħ,*
*Hassejt bħal fewġa kiesħa fuq ħaddejja.*
*Bla ma naf kif, għajnejja mflew bid-dmugħ!*

*Fl-aħħar intbaħt! Kien funeral ta' kewkba,*
*Ġarrewha l-anġli żgħar, f'tebut tal-kewba!*

13-12-49. P. MARIANUS VELLA O.F.M.